TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

Fl-atti tat-Talba CCT 221/24/F

Charles sive Carmelo Borg

vs

Kevin Borg – Borg Repairs and Spares

Illum, 27 ta' Jannar 2025

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar it-18 ta' Ottubru 2024;

Ra r-Risposta ppreżentata mill-Intimat fit-2 ta' Diċembru 2024;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrenti bil-ġurament;

Ra d-dokumenti ppreżentati;

Ra li l-ebda rappreżentant tal-azjenda intimata ma attenda għas-seduta tal-20 ta' Jannar 2025 minkejja li debitament notifikat;

Ra r-Regolament 12.1 tar-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur (L.S. 378.01);

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

Ikkonsidra:

Illi permezz tat-talba tiegħu, ir-Rikorrent qed jitlob li l-azjenda intimata tiġi kkundannata tħallsu s-somma ta' mitejn u ħames mitt Euro (€250) rappreżentanti ċirka nofs il-prezz il-prezz ta' friġġ ġdida li kellu jixtri minħabba li, skont ma jispjega, l-Intimat ħassar il-friġġ li kellu minħabba xogħol ħażin li għamel fuqha.

Illi r-rikorrent ikkonferma t-talba tiegħu bil-ġurament u ppreżenta kemm rapport dwar il-kondizzjoni tal-friġġ l-antika maħruġ minn David Borg f'isem l-azjenda Top Choice, kif ukoll il-fattura u l-irċevuta li jikkonfermaw li kellu jixtri friġġ ġdida u kemm ħallas għaliha, u ċioè s-somma ta' erba mija u disa u disgħin Euro u ċenteżmu (€499.01).

Illi t-Tribunal ra r-rapport tekniku eżebit mir-Rikorrent, liema rapport jgħid is-segwenti:

> *Cleaned system done gas by weight because was overcharged with gas. Left on test and I noticed that the fridge back wasn't becoming all with ice it is forming ice in the cavety between back plastic and evaporator and the temperature in fridge is reaching 7.5 deg celsius lowest, it means it is not cooling enough.I phoned client and explained that it is not working as it should be and I cannot repair the body of the fridge.Beyond economical repair. Please ask client if he wants it back or dispose because he didnt told (sic.) me yet.*

Dan ir-rapport jikkonferma li x-xogħol magħmul mill-Intimat ma sarx skont l-arti u s-sengħa, partikolarment għax poġġa iżjed gass rifriġerati fis-sistema tal-friġġ milli suppost.

Illi l-Intimat ippreżenta Risposta (li qajla hija leġibbli) u li permezz tagħha jikkontesta t-Talba tar-Rikorrent.

Illi minkejja li ppreżenta l-imsemmija Risposta, l-Intimat ma deherx għas-seduta tal-20 ta' Jannar 2025 quddiem it-Tribunal u għalhekk, bl-assenza inġustifikata tiegħu għas-seduta, l-Intimat naqas milli jagħti l-verżjoni tal-fatti skont hu.

Illi bis-silenzju tiegħu, l-Intimat effettivament naqas milli jikkontesta l-verżjoni tal-fatti mogħtija mir-Rikorrenti u dan minkejja li kellu kull opportunità li jagħmel dan li kieku ried. Intant, ir-Regolament 12.1 tar-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur (L.S. 378.01) jagħti ukoll is-setgħa lit-Tribunal li jiddeċiedi t-Talba kontra l-Intimat meta dan jonqos milli jidher għas-seduta mingħajr ġustifikazzjoni;

Illi indipendentament mill-premess, it-Tribunal iqis li r-Rikorrent irnexxielu jipprova l-każ tiegħu skont il-liġi u li dak li qed jitlob jinkwadra sewwa entro d-drittijiet tiegħu bħala Konsumatur;

Illi għalhekk, fiċ-ċirkostanzi, fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tiegħu, it-Tribunal iqis li t-talba ta' mitejn u ħamsin Euro (€250) magħmula mir-Rikorrent kif sostnuta mill-

ispjegazzjoni tiegħu bil-ġurament u d-dokumenti eżebiti in atti, għandha mis-sewwa u għalhekk, timmerita akkoljiment.

Deċiżjoni:

Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha u jikkundanna lill-azjenda intimata tħallas lir-Rikorrent s-somma ta' mitejn u ħamsin Euro (€250).

L-imgħax jgħodd minn din is-sentenza.

L-ispejjeż kollha għandhom jitħallsu mill-Intimat.

Avv. Mattia Felice
Arbitru